

Brussell, 7 ta' Novembru 2025
(OR. en)

10604/1/25
REV 1

Fajls Interistituzzjonali:
2025/0172 (COD)
2025/0176 (COD)
2025/0177 (COD)

SIMPL 60
ANTICI 68
INDEF 64
MAP 24
CSC 317
ENV 574
COMPET 589
ENT 108
MI 439
CHIMIE 57
CODEC 869
EDA

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

Nru dok. Cion:	COM(2025) 820 final/2
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Omnibus dwar il-Prontezza tad-Difiża

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 820 final/2.

Mehmuż: COM(2025) 820 final/2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 17.6.2025
COM(2025) 820 final/2

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U
LILL-KUNSILL**

Omnibus dwar il-Prontezza tad-Difiża

{SWD(2025) 820 final}

Omnibus dwar il-Prontezza tad-Difiża

L-Ewropa qed tiffaċċja theddida akuta u li qed tikber. L-uniku mod kif nistgħu niżguraw il-paċi Ewropea huwa li jkollna l-prontezza li niskoraġġixxu lil dawk li jagħmlulna l-ħsara. Il-kunflitt armat ta' intensità għolja reġa' lura lejn l-Ewropa u l-ordni internazzjonali stabbilit wara t-Tieni Gwerra Dinjija u l-Gwerra Bierda issa ma għadux ċert. Kif innutat fil-White Paper Konġunta dwar il-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030 ⁽¹⁾ ("White Paper") *"se jiġi ffurmat ordni internazzjonali ġdid fit-tieni nofs ta' dan id-deċennju u lil hinn minnu. Sakemm ma nsawrux dan l-ordni – kemm fir-reġjun tagħna kif ukoll lil hinn minnu – se jkollna noqogħdu u nilqgħu b'mod passiv l-eżitu ta' dan il-perjodu ta' kompetizzjoni interstatali bil-konsegwenzi negattivi kollha li jistgħu jirriżultaw minn dan, inkluż il-prospett reali ta' gwerra fuq skala sħiħa."*

Fid-dinja tal-lum li qed tevolvi malajr, ix-xenarju tas-sigurtà tagħna nbidel. It-theddid li qed niffaċċjaw huwa akbar, aktar globali, li jvarja minn networks b'saħħithom tal-kriminalità organizzata u t-terroriżmu għal theddid ibridu kkawżat minn diżinformazzjoni, biża' u sabotaġġ fuq l-infrastruttura kritika tagħna, spiss minn atturi statali barranin ostili. Dawn qed jheddu direttament l-istil ta' ħajja tagħna u l-kapaċità tagħna li nagħżlu l-futur tagħna stess permezz ta' proċessi demokratiċi. Għalkemm l-Unjoni mhijiex fi gwerra, il-kunflitt intensiv ħafna fil-fruntieri tagħha u l-pożizzjoni aggressiva tar-Russja jfissru li l-Ewropa qed tiffaċċja sitwazzjoni li mhijiex paċifika, u s-sigurtà u l-iskop tagħna li nibnu futur ħieles mill-koerċizzjoni u l-aggressjoni ma jistgħux jitqiesu bħala ovvj. Rajna kif ir-Russja użat l-esportazzjonijiet tal-gass bħala arma, u dan wassal għal inċertezzi fil-provvista u żidiet qawwija fil-prezzijiet, u kif deliberatament immirat l-infrastruttura tal-enerġija fl-Ukrajna. Is-sigurtà tagħna tiddependi fuq il-preparatezza kemm ċivili kif ukoll militari. ⁽²⁾

Skont il-valutazzjonijiet tat-theddid minn diversi servizzi tal-intelligence tal-UE, il-kapaċità tar-Russja li tipproduċi tagħmir militari żdiedet bil-kbir u jkollha l-kapaċitajiet militari biex tittestja l-unità tal-pajjiżi tal-Punent u l-effettività tal-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tal-Artikolu 222 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea f'bejn 3 u 5 snin li ġejjin. Dan jagħti mandat għal bidla fil-mentalità għall-prontezza tad-difiża u ż-żieda immedjata tal-isforzi biex jiġu stabbiliti mill-ġdid il-prontezza tad-difiża u d-deterrenza sal-2030. F'dan il-kuntest, il-prontezza tad-difiża jenħteġ li tinftiehem bħala l-kapaċità tal-Istati Membri u tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni li jantici paw, jipprevjenu u jirrispondu għal kriżijiet relatati mad-difiża. Il-prontezza tad-difiża tiddependi fuq id-disponibbiltà tal-kapaċità industrijali tad-difiża meħtieġa biex jinkisbu u jinżammu r-riżorsi, il-kapaċitajiet u l-infrastruttura meħtieġa biex ikun hemm rispons effettiv u aġli għall-kriżijiet u għall-azzjonijiet relatati tal-Istati Membri u biex jiġi skoraġġut it-theddid potenzjali permezz ta' preparatezza kredibbli.

Il-bini mill-ġdid tad-difiża Ewropea jirrikjedi, bħala punt tat-tluq, investimenti massivi fuq perjodu sostnut fi spirtu ta' solidarjetà u kooperazzjoni fost l-Unjoni u l-Istati Membri, u bħala parti minn alleanzi strateġiċi fi ħdan in-NATO u ma' pajjiżi terzi tal-istess fehma. L-aċċellerazzjoni tal-ħidma fuq kull fergħa biex tiżdied b'mod urġenti l-prontezza tad-difiża

⁽¹⁾ White Paper Konġunta dwar il-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030: JOIN/2025/120 final, 19.03.2025.

⁽²⁾ L-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza għandha l-għan li żżid ir-reżiljenza tal-UE billi tagħtiha l-kapaċitajiet meħtieġa biex tantici pa u timmaniġġja t-theddid u l-perikli kollha. Strateġija Ewropea għal Unjoni tal-Preparatezza: JOIN/2025/130 final, 26.03.2025.

Ewropea huwa essenzjali ħalli jiġi żgurat li l-Ewropa jkollha pożizzjonament tad-difiża Ewropea b'saħħtu u suffiċjenti sa mhux aktar tard mill-2030.

Biex tinbena Ewropa verament indipendenti, huwa imperattiv li tiġi żviluppata forma ġdida ta' ***Pax Europaea*** għas-seklu 21 — waħda li hija ffurmata u ġestita mill-Ewropa nnifisha. Huwa għalhekk li, f'azzjoni mingħajr preċedent, l-Unjoni qed tippermetti lill-Istati Membri jiġbru sa EUR 800 biljun għall-infiq addizzjonali tagħhom fid-difiża biex jiddefendu l-paċi matul l-4 snin li ġejjin skont il-pjan ReArm Europe/Prontezza 2030. Aktar minn nofs l-Istati Membri talbu l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali fil-qafas tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, filwaqt li hađu vantaġġ mill-flessibbiltà biex iżidu b'mod sinifikanti l-infiq tagħhom fid-difiża. Wara l-appell tal-Kunsill Ewropew lill-Kummissjoni Ewropea biex taċċellera l-ħidma fuq il-fergħat kollha biex tiżdied b'mod deċiżiv il-prontezza tad-difiża tal-Ewropa fil-5 snin li ġejjin ⁽³⁾, dan l-Omnibus dwar il-Prontezza tad-Difiża se jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex isaħħu l-bażi industrijali tad-difiża u l-prontezza u l-aġilità ġenerali tal-UE fil-qasam tad-difiża sal-2030, billi joħloq il-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiġu antiċipati l-investimenti fil-kapaċitajiet tad-difiża, jipprovdi l-prevedibbiltà meħtieġa lill-industrija u jnaqqas il-burokrazija.

Il-kobor tal-isforz meħtieġ jenħteġ li jqis in-nuqqasijiet sostanzjali u kroniċi ta' investimenti fid-difiża matul l-aħħar deċennji u d-diskrepanza akkumulata fl-investment fid-difiża tal-Istati Membri. L-eżempju ta' munizzjon tal-artillerija qawwija juri sew il-kwistjonijiet li jirriżultaw minn għexieren ta' snin ta' nuqqas ta' investment. Minħabba f'hekk, l-Istati Membri jkollhom iħabbtu wiċċhom ma' nuqqasijiet kritiċi f'każ ta' kunflitt ta' intensità għolja. Barra minn hekk, l-istokkijiet diġà limitati ġew eżawriti aktar bl-appoġġ militari pprovdut lill-Ukrajna. Minħabba domanda baxxa, il-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea tnaqqsu b'mod sinifikanti matul dawn l-aħħar deċennji, u dan jillimita bil-kbir il-kapaċità tal-Istati Membri biex jirrikostitwixxu malajr l-istokkijiet u jistabbilixxu mill-ġdid pożizzjonament tad-difiża kredibbli u affidabbli.

Suq li verament jiffunzjona għat-tagħmir tad-difiża fl-UE kollha; li jpoġġi l-innovazzjoni u l-kompetittività fil-qalba tat-tiġdid tal-Ewropa, huwa l-aktar mod effettiv biex l-Istati Membri jirrifornu l-ħażniet tagħhom u jibnu l-istat ta' prontezza tagħhom f'każ ta' kunflitt. Dan minħabba li joffri tliet benefiċċji ewlenin. L-ewwel nett, jippermetti lill-Istati Membri jisfruttaw l-ekonomiji ta' skala, u jippermettilhom jieħdu vantaġġ minn suq tad-difiża wiesa' u aktar stabbli. It-tieni, billi jiffaċilita l-aċċess għall-fornituri kollha tal-UE, inaqqas id-dipendenza tagħhom fuq fornituri minn pajjiżi terzi, li huwa vantaġġ sinifikanti fix-xenarju ġeopolitiku tal-lum u li jiżgura l-vijabbiltà fit-tul tal-indipendenza strateġika tal-Unjoni. It-tielet, jappoġġa l-kompetittività tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea billi jiżgura li l-infiq fid-difiża jikkontribwixxi għat-tkabbir u l-iżvilupp tal-industrija kollha madwar l-Ewropa.

L-ambjent regolatorju attwali tal-Unjoni, adottat fi żmien ta' paċi, mhuwiex kompletament adattat għall-oġettiv li jiġu żviluppati l-kapaċitajiet u l-prontezza militari meħtieġa biex tiġi skoraġġguta b'mod kredibbli l-aggressjoni armata u jiġi ffaċilitat il-varar effettiv u rapidu tal-investimenti kbar meħtieġa msemmija hawn fuq. Diversi leġislazzjonijiet tal-UE mhux speċifiċi għad-difiża ma jwasslux għall-iffaċilitar tal-investimenti fit-tul tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea fil-kapaċitajiet tad-difiża meħtieġa biex jiskoraġġixxu t-theddid u jiżguraw is-sigurtà tal-Unjoni u taċ-ċittadini tagħha. Il-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea hija settur speċifiku ħafna, li l-oġettiv

(3) Il-Kunsill Ewropew, Konklużjonijiet, 20 ta' Marzu 2025.

primarju tagħha mhuwiex purament ekonomiku. Hija ffukata fuq il-ħtiġijiet tal-Forzi Armati tal-Istati Membri, billi twassal il-livell meħtieġ ta' prestazzjoni teknika, f'waqtu, fil-volum meħtieġ u b'kost kompetittiv. Il-qafas regolatorju tal-Unjoni jenħtieġ li jkun adattat għall-oġettiv tal-prontezza tad-difiża, li jippermetti lill-Istati Membri jinvestu, jibnu, iwettqu riċerka u jipprovdu prodotti u servizzi ta' kwalità għolja, jawtorizzaw proġetti u jakkwistaw b'pass aċċellerat u aġli, filwaqt li jlaħħqu mal-istandards għoljin tar-riċerka, ambjentali u soċjali li jqiegħdu lill-Unjoni Ewropea fuq quddiem nett fid-dinja f'dawn l-oqsma. Huma meħtieġa kemm simplifikazzjoni sostanzjali fil-proċessi kif ukoll tneħħija tal-piżijiet regolatorji u amministrattivi fis-setturi kollha biex tiġi aċċellerata ż-żieda fil-produzzjoni industrijali tad-difiża Ewropea biex jintlaħqu malajr il-livelli tal-kapaċità tal-produzzjoni meħtieġa għall-prontezza u b'hekk jiġi skoraġġut kunflitt ta' intensità għolja.

Barra minn hekk, dan l-isforz enormi huwa opportunità biex jiġu mmodernizzati l-Forzi Armati tal-Istati Membri u biex jiżiedu l-investimenti tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea. Il-pass aċċellerat tal-evoluzzjoni tat-teknoloġija militari u r-riskju ta' obsolessenza rapida jeħtieġ li jiġu kkunsidrati, kif ħareġ mill-aggressjoni Russa b'intensità għolja li għaddejja fl-Ukrajna u l-penetrazzjoni ta' teknoloġiji rivoluzzjonarji fil-ktajjen tal-provvista tad-difiża. Biex l-investimenti fid-difiża jibqgħu validi fil-futur u biex jiġi sfruttat il-potenzjal innovattiv tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea, huwa importanti li tingħata spinta liċ-ċikli tal-innovazzjoni, b'mod partikolari billi jiġu ssimplifikati u aċċellerati aktar il-proċeduri għar-riċerka u l-iżvilupp kollaborattivi skont il-Fond Ewropew għad-Difiża ⁽⁴⁾. Barra minn hekk, l-appoġġ għan-start-ups u scaleups huwa kritiku għall-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-kompetittività fl-UE, b'mod partikolari billi jinfetħ l-Aċċelleratur tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council), STEP u l-Fond għall-iscaleups għal teknoloġiji b'użu doppju u dawk ta' difiża.

Fit-tisħiħ tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea, in-natura b'użu doppju tat-teknoloġiji u l-materjali ewlenin trid tkun riflessa aħjar. L-elettronika avanzata diġitali, il-konnettività jew is-sustanzi kimiċi — kollha huma elementi kritiċi fl-aġenda tal-kompetittività tal-Unjoni kif ukoll għar-reżiljenza tad-difiża tagħha. L-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza tenfasizza li l-UE jeħtieġilha tintegra kunsiderazzjonijiet b'użu doppju fl-investimenti infrastrutturali u fl-ippjanar tal-kapaċitajiet kollha tagħha, bħall-mobbiltà militari, l-evakwazzjonijiet tal-massa, il-komunikazzjoni u l-konnettività siguri, is-sigurtà marittima, il-kapaċitajiet ċibernetiċi, u l-assi u s-servizzi spazjali. Biex jitħeġġu sinerġiji bħal dawn bejn l-innovazzjoni ċivili u tad-difiża u jiġi żgurat l-iżvilupp ta' ktajjen kritiċi tal-valur u tal-provvista, il-miżuri ta' simplifikazzjoni adottati permezz ta' din l-inizjattiva se jkun japplikaw għal teknoloġiji u materjali b'użu doppju, fejn rilevanti.

F'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni, abbażi tal-esperjenza u l-kontributi minn konsultazzjonijiet pubbliċi wiesgħa, tressaq proposti ambizzjużi ta' simplifikazzjoni f'leġislazzjoni u programmi speċifiċi għad-difiża, kif ukoll f'liġijiet mhux speċifiċi għad-difiża biex jitneħħew l-ostakli regolatorji u jiġu ffaċilitati l-prontezza tad-difiża u l-bini industrijali tal-UE. Din il-Komunikazzjoni tressaq ukoll interpretazzjonijiet aktar ċari tad-derogi disponibbli fil-leġislazzjonijiet tal-UE, li l-Istati Membri jaf ma jkunux għamlu użu sħiħ minnhom.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1092: ĠU L 170, 12.5.2021, p. 149–177.

1. Leġiżlazzjoni dwar id-difiża u programmi industrijali tad-difiża tal-UE

Akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża

Id-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà Sensittiva ⁽⁵⁾ għandha l-għan li tiżgura l-kundizzjonijiet għall-funzjonament ta' suq fl-UE kollha għall-prodotti tad-difiża. Madankollu, il-partijiet ikkonċernati spiss iqisu l-proċeduri skont id-Direttiva bħala kumplessi u ta' piż żejjed, li jirrikjedu riżorsi sproporzjonati mill-Istati Membri. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu ssimplifikati d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, filwaqt li tiġi żgurata l-kisba tal-għanijiet tagħha, b'mod partikolari billi jiġu permessi proċessi aktar simplifikati u effiċjenti għall-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża. Dan se jippermetti lill-Istati Membri jiffukaw fuq l-aktar kuntratti kritiċi, jallokaw ir-riżorsi b'mod aktar effettiv, kif ukoll itaffu l-piż amministrattiv minn fuq l-industrija.

Filwaqt li hemm skedata għall-2026 reviżjoni sħiħa tad-Direttiva, jenħtieġ li r-regoli dwar l-akkwist jiġu ssimplifikati minn issa biex jindirizzaw l-urġenza u l-priorità għall-Ewropa biex tibni mill-ġdid id-difiża tagħha, biex tagħti aktar flessibbiltà lill-akkwisti komuni minn diversi Stati Membri u tagħti spinta lill-akkwist ta' soluzzjonijiet innovattivi meħtieġa biex tinkiseb il-prontezza tad-difiża sal-2030. Id-disponibbiltà tal-kuntratti tal-akkwist u l-prevedibbiltà fit-tul tad-domanda huma l-aktar fatturi importanti għall-industrija biex iżżid il-kapaċitajiet tal-produzzjoni tagħha u tilħaq l-oġettivi tal-prontezza tad-difiża. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tippromovi li żżid il-limiti tal-applikabbiltà tad-Direttiva għal EUR 900 000 għall-kuntratti ta' provvista u ta' servizz. Dan se jeżenta għadd sostanzjali ta' kuntratti iżgħar mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, li għandhom impatt insinifikanti fuq is-suq intern, filwaqt li jwasslu għal effiċjenzi ekonomiċi għall-Istati Membri u għall-applikanti, minħabba tnaqqis fil-piż amministrattiv u ekonomiku.

L-infiq baxx u frammentat fid-difiża tal-Istati Membri fuq l-innovazzjoni għandu impatt negattiv fuq it-teknoloġiji rivoluzzjonarji emerġenti li huma vitali għall-kapaċitajiet futuri tad-difiża. L-iffaċilitar tal-akkwist ta' soluzzjonijiet innovattivi se jikkontribwixxi għat-trasformazzjoni tad-difiża permezz ta' innovazzjoni rivoluzzjonarja, peress li teknoloġiji ġodda qed ibiddlu b'mod fundamentali n-natura tal-gwerra f'diversi oqsma (eż. l-Intelliġenza Artifiċjali, il-cloud computing u l-computing kwantistiku, il-konnettività avvanzata u sigura, is-sistemi awtonomi). Il-possibbiltà l-ġdida għall-akkwist dirett ta' prodotti u servizzi innovattivi li jirriżultaw minn proġetti ta' riċerka paralleli u kompetittivi kkuntrattati mill-Istati Membri hija adattata għall-proġetti ta' riċerka u żvilupp l-aktar pijunieri fejn id-definizzjoni tar-riżultati mistennija ma tkunx possibbli fil-bidu tal-akkwist tar-riċerka u l-iżvilupp. Flimkien ma' kundizzjonijiet aktar rapidi għal akkwist innovattiv u proġetti kollaborattivi, inkluż permezz tal-introduzzjoni tal-proċedura simplifikata ta' sħubija għall-innovazzjoni u kjarifiki dwar l-akkwist ta' riżultati ta' proġetti ffinanzjati skont l-EDF, din il-possibbiltà se tappoġġa tranżizzjoni bla xkiel mir-riċerka għall-akkwist, li tippermetti lill-Istati Membri jikkapitalizzaw malajr fuq soluzzjonijiet innovattivi żviluppati permezz ta' dawn il-proġetti.

⁽⁵⁾ Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u 2004/18/KE, ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76–136.

Ir-ritmu intensiv li bih l-Istati Membri bħalissa jeħtieġ li jirrikostitwixxu il-ħażniet tagħhom jirrikjedi wkoll ir-rikors għal prodotti tad-difiża diġà disponibbli. Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jakkwistaw malajr tagħmir identiku faċilment disponibbli, il-proċedura nnegożjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntratt jenħtieġ li tiġi estiża temporanjament għall-akkwist u l-manutenzjoni komuni. Dan jippermetti lill-Istati Membri jiġbru flimkien ir-riżorsi u jibbenefikaw minn ekonomiji ta' skala għall-akkwist rapidu ta' tagħmir u kapaċitajiet. Dan jikkomplementa l-flessibbiltà eżistenti inkorporata fid-Direttiva għall-urġenza li tirriżulta minn kriżi, li tinkludi avvenimenti ta' ħsara mistennija fil-futur ⁽⁶⁾, inklużi kunflitti ta' intensità għolja fil-fruntieri tal-UE u theddid kredibbli għas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.

Flessibbiltà addizzjonali fil-ftehimiet qafas b'durata estiża sa 10 snin u l-ftuħ għal Stati Membri oħra, kif propost fir-Regolament dwar il-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIP, European Defence Industry Programme) ⁽⁷⁾, se tgħin lill-Istati Membri jilhqqu l-miri tal-kapaċità tagħhom aktar malajr, b'kost imnaqqas u b'interoperabbiltà msaħħa. Il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri biex iwettqu rieżami b'mod urġenti fuq ir-regoli nazzjonali tagħhom dwar l-akkwist biex ineħħu piżijiet addizzjonali minn fuq il-parteċipanti fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku ("*goldplating*"). It-tneħħija tal-obbligi ta' rapportar statistiku għall-Istati Membri se tnaqqas il-burokrazija, filwaqt li l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika ⁽⁸⁾ għas-settur tad-difiża se tiġi ċċarata fl-evalwazzjoni tad-Direttiva fl-2026.

Trasferimenti intra-UE tal-prodotti tad-difiża

It-trasferimenti rapidi ta' prodotti relatati mad-difiża fl-Unjoni huma essenzjali biex jiġu mobilizzati l-kapaċitajiet industrijali u teknoloġiċi sħaħ madwar l-Unjoni u jinkisbu sinerġiji, ekonomiji ta' skala, innovazzjoni u tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista. Il-partijiet ikkonċernati fil-konsultazzjoni pubblika indikaw in-nuqqas ta' armonizzazzjoni tas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri, l-użu insuffiċjenti tal-Liċenzji Ġenerali ta' Trasferiment (li huma l-għodda ewlenija ta' simplifikazzjoni ⁽⁹⁾ prevista fid-Direttiva) u appellaw biex jitneħħew il-komplessitajiet u d-dewmien marbuta mal-kontroll tat-trasferimenti intra-UE. Indikaw ukoll ostakli minħabba nuqqas ta' awtorizzazzjonijiet f'waqthom ta' trasferimenti fl-implimentazzjoni tal-proġetti tal-EDF u l-piż kbir tal-ġestjoni ta' diversi Ċertifikati tal-Utent Aħħari nazzjonali jew forom oħra ta' projbizzjoni ta' limitazzjonijiet ta' trasferimenti intra-UE.

⁽⁶⁾ Id-definizzjoni ta' "kriżi" fl-Artikolu 1(10) tad-Direttiva 2009/81/KE tinkludi xenarji li fihom "l-avveniment ta' ħsara jkun meqjus immedjat".

⁽⁷⁾ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea u qafas ta' miżuri biex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-provvista f'waqthom ta' prodotti tad-difiża ("EDIP"), 5.3.2024, COM(2024) 150 final

⁽⁸⁾ Id-Direttiva (UE) 2023/1791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-effiċjenza enerġetika u li temenda r-Regolament (UE) 2023/955 (riformulazzjoni), ĠU L 231, 20.9.2023, p. 1–111.

⁽⁹⁾ Il-Liċenzji Ġenerali ta' Trasferiment jippermettu li l-kontroll *ex ante* (kontroll qabel it-trasferiment) jiġi sostitwit b'kontroll *ex post* (kontroll wara li jkun seħħ it-trasferiment). Din il-bidla tipikament tippermetti li trasferiment isir fi żmien jum sa 3 ijiem. B'kuntrast ma' dan, iż-żmien medju għall-awtoritajiet ta' kontroll biex jipproċessaw liċenzja ta' trasferiment individwali sempliċi *ex ante* jista' jiġi stmat bejn wiehied u ieħor għal madwar 6–7 ġimgħat, u l-proċessi ta' awtorizzazzjoni spiss jieħdu aktar żmien b'mod sinifikanti.

Fir-rigward tal-kompetenzi definiti fit-Trattati, il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex tissimplifika t-trasferimenti ta' prodotti tad-difiża lill-Forzi Armati tal-Istati Membri, it-trasferimenti fil-ktajjen tal-provvista u t-trasferimenti fi proġetti ffinanzjati mill-UE, kif ukoll il-ġestjoni ta' Ċertifikati tal-Utent Aħħari. Il-bidliet proposti se jnaqqsu b'mod sinifikanti d-dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġetti u se jnaqqsu l-burokrazija għall-parteċipanti fil-proġetti tal-EDF. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw aktar kategoriji ta' trasferimenti mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel u huma mħeġġa jwessgħu l-użu ta' Liċenzji Ġenerali ta' Trasferiment, jestendu u jarmonizzaw il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. L-estensjoni tal-benefiċċju tal-Liċenzji Ġenerali ta' Trasferiment għal trasferimenti minn kumpaniji ċertifikati se tinċentiva ċ-ċertifikazzjoni tal-kumpaniji u programmi ta' konformità robusti fil-kontroll tat-trasferimenti intra-UE, filwaqt li tnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv tagħhom. Sabiex jiġu ffaċilitati t-tranżazzjonijiet transfruntiera fil-ktajjen tal-provvista u tiġi aċċellerata ż-żieda fil-produzzjoni, f'konformità mad-Direttiva dwar it-trasferimenti intra-UE ta' prodotti relatati mad-difiża ⁽¹⁰⁾, il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri jżommu lura minn limitazzjonijiet ta' trasferimenti intra-UE għal komponenti li se jiġu integrati fi prodott finali fi Stat Membru ieħor u li ma jistgħux jiġu esportati mill-ġdid separatament, mill-inqas billi jimplementaw il-prinċipju *de minimis* diġà użat minn xi Stati Membri. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tipproponi li tissimplifika l-obbligi ta' rapportar għal trasferimenti ta' teknoloġija intanġibbli.

Fond Ewropew għad-Difiża (EDF, EUROPEAN DEFENCE FUND)

Il-Fond Ewropew għad-Difiża huwa l-uniku strument tal-UE li jappoġġa r-Riċerka u l-Iżvilupp kollaborattivi fil-qasam tad-difiża. L-evalwazzjoni interim tal-Kummissjoni tal-Fond u konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet ikkonċernati kkonfermaw l-effettività u r-rilevanza ġenerali tiegħu, filwaqt li enfasizzaw il-hteġa li jiġu ssimplifikati aktar il-proċeduri u jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi. Il-Kummissjoni għalhekk tipproponi aktar flessibbiltà fl-implimentazzjoni tal-EDF.

Il-Kummissjoni tipproponi li tiċċara u tissimplifika l-kriterji tal-għoti għall-evalwazzjoni tal-proposti u tintroduċi l-possibbiltà li jingħażlu biss l-aktar kriterji tal-għoti rilevanti abbażi tal-oġettivi tas-sejthiet għall-proposti, u b'hekk il-proċess ta' evalwazzjoni jsir aktar rapidu, aktar aġli u inqas ta' piż. Il-possibbiltà li jiġi implimentat l-EDF permezz ta' programmi ta' ħidma annwali jew pluriennali, flimkien mal-kjarifika tar-regoli dwar l-għotjiet diretti, kif ukoll possibbiltajiet usa' għal ġestjoni indiretta se jipprovdu aktar flessibbiltà u prevedibbiltà fl-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' proġetti tal-EDF bi proċess ta' ġestjoni aġli u piżijiet amministrattivi mnaqqsqa. Minbarra l-proposta għar-raba' qasam ta' investiment għat-teknoloġiji tad-difiża skont il-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform) ⁽¹¹⁾, il-Kummissjoni tipproponi simplifikazzjonijiet fl-akkwist prekommerċjali u d-drittijiet ta' aċċess tal-kofinanzjament tal-Istati Membri għar-riżultati tal-proġetti ta' żvilupp, bil-għan li l-

⁽¹⁰⁾ L-Artikolu 4(8) tad-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità, ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1–36,

⁽¹¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241: PE/11/2024/REV/1: ĠU L, 2024/795, 29.2.2024.

proġetti tal-EDF li jirriżultaw jibdwew joperaw malajr kemm jista' jkun, u b'hekk tingħata spinta lill-innovazzjoni u t-teknoloġiji rivoluzzjonarji għad-difiża.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni se tistabbilixxi miżuri addizzjonali biex tħaffef l-evalwazzjoni tal-proposti u tnaqqas iż-żmien biex jiġu ffirmati ftehimiet ta' għotja u jinħarġu pagamenti, bħal livell oġġla ta' sottokuntrattar (aktar minn 30 %), validità estiża tal-valutazzjonijiet tal-kontroll tas-sjieda għall-benefiċjarji minn 18 għal mill-inqas 36 xahar u l-introduzzjoni ta' klawżola standard ta' nuqqas ta' trasferiment mill-ġdid. Biex iwieġbu għas-sejħiet tal-partijiet ikkonċernati għal sistema sempliċi u sigura għall-iskambju ta' informazzjoni kunfidenzjali u sensittiva, is-sistema tal-SUE (*Secret de l'Union Européenne*) qed tiġi introdotta progressivament fost il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-industrija bil-għan li l-Istati Membri kollha jiġu mgħammra kmieni fl-2026, ladarba jitlestew il-proċessi ta' akkreditazzjoni u aċċettazzjoni meħtieġa mill-Istati Membri, filwaqt li jkun qed jiġi esplorat l-istabbiliment ta' Cloud Klassifikat għall-iskambju ta' informazzjoni akkreditata sal-livell RESTREINT UE/EU RESTRICTED fl-implimentazzjoni ta' proġetti klassifikati fil-qasam tad-difiża. Is-simplifikazzjonijiet introdotti b'dan l-Omnibus jistgħu jiġu applikati b'mod retroattiv għall-proġetti tal-EDF diġà fis-seħħ.

F'konformità mal-White Paper, li titlob li tiżdied il-parteċipazzjoni tal-Ukrajna f'azzjonijiet tal-EDF u kooperazzjoni msaħħa bejn l-UE u l-Ukrajna, il-kostijiet għall-attivitajiet ta' ttestjar imwettqa fl-Ukrajna jenħteġ li jsiru eliġibbli għal finanzjament skont l-EDF. Dan jippermetti lill-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea tuża s-sitwazzjoni attiva tal-gwerra tal-Ukrajna f'termini ta' ttestjar (kapaċitajiet ta' ttestjar rapidu, ittestjar ta' 24 siegħa u ttestjar fil-kamp tal-battalja), li jippermetti li l-feedback rapidu tal-gwerra moderna attwali jiġi integrat fl-iżvilupp ta' teknoloġiji u prodotti tad-difiża.

2. Leġislazzjoni u programmi tal-UE dwar in-nondifiża

L-eliminazzjoni tal-ostakli u l-użu sħiħ tal-perkorsi biex tissaħħaħ il-prontezza tad-difiża

Il-proċessi għall-ħruġ ta' permessi għall-investimenti għall-industrija tad-difiża u l-attivitajiet ta' prontezza tad-difiża spiss ikunu twal wisq u ta' piż. Biex dawn jitħaffu, huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-proċessi għall-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u l-konformità mal-liġijiet ambjentali (eż. dwar l-ippjanar urban/tal-art, il-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali, l-istorbju, il-protezzjoni tal-habitats u tal-ġhasafar, il-ġestjoni tal-ilma u tal-iskart) iwasslu għall-kisba tal-prontezza tad-difiża fl-istadju attwali. Dawn il-proċessi — adottati fi żmien ta' paċi — issa jridu jservu għal proċeduri mħaffa ta' awtorizzazzjoni jew ta' permessi mfasla għall-ħtiġijiet urġenti ta' prontezza tad-difiża, sabiex tiġi ffaċilitata ż-żieda massiva u rapida tal-investimenti għall-industrija tad-difiża u tal-attivitajiet ta' prontezza tad-difiża li jeħtieġu aġilità msaħħa u li huma essenzjali għall-indirizzar tal-ħtiġijiet emerġenti tas-sigurtà.

Filwaqt li l-awtorizzazzjonijiet huma r-responsabbiltà tal-Istati Membri, id-dritt tal-Unjoni jistabbilixxi xi regoli relatati mal-awtorizzazzjonijiet, inkluż iżda mhux limitat għal valutazzjonijiet ambjentali. Huwa kruċjali li jiġu integrati, issimplifikati u aċċellerati l-proċessi kollha għall-ħruġ ta' permessi għall-investimenti għall-industrija tad-difiża u għall-attivitajiet ta' prontezza tad-difiża, filwaqt li jiġu żgurati l-istandards tal-protezzjoni ambjentali u tal-bniedem b'mod aktar f'waqtu fl-Unjoni kollha. Dan jista' jinkiseb billi

jigū stabbiliti proċessi nazzjonali għall-ħruġ tal-permessi rapidi u kklassifikati bħala prijorità b'punt uniku ta' kuntatt għall-industrija, maħsuba biex inaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jħaffu l-proċess għall-ħruġ tal-permessi għall-attivitajiet ta' pronteżza tad-difiża. Fuq talba mill-Istati Membri, il-Kummissjoni tinsab lesta li tipprovdi pariri u bini tal-kapaċità fl-istabbiliment tar-reġim rapidu għall-ħruġ tal-permessi.

L-iżgurar ta' standards għoljin ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem permezz tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, filwaqt li huwa fundamentali li jiġi żgurat l-oġġettiv tal-pronteżza tad-difiża sal-2030. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni tinkludi derogi għall-oġġettivi pubbliċi, interpretazzjonijiet u implimentazzjonijiet diverġenti madwar l-Istati Membri jwasslu għal kumplessità u inċerteżzi fir-regoli applikabbli li jikkonċernaw l-investimenti fid-difiża. Il-Kummissjoni b'dan tiċċara li l-Istati Membri jistgħu jużaw derogi eżistenti f'diversi leġiżlazzjonijiet tal-Unjoni ⁽¹²⁾ previsti għal “*interest pubblico prevalenti*”, “*sikurezza pubblica*” jew “*kriżi*” biex jinkludu l-pronteżza tad-difiża fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, li jinkludu investimenti industrijali u governattivi fid-difiża u attivitajiet ta' pronteżza tad-difiża. Meta jiġu applikati miżuri ta' kumpens jew ta' mitigazzjoni, dawk il-miżuri jenħteġ li jiżguraw l-oġġettivi tal-leġiżlazzjoni u jkunu proporzjonati fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet tal-pronteżza tad-difiża, sabiex l-oġġettiv ta' pronteżza tad-difiża 2030 ikun jista' jintlaħaq f'waqtu. Id-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali ⁽¹³⁾ tinkludi eżenzjoni għal proġetti essenzjali għal skopijiet ta' difiża, li tista' tintuża wkoll għal proġetti u attivitajiet ta' pronteżza tad-difiża. Barra minn hekk, id-Direttivi dwar l-Iskart ta' Tagħmir Elettriku u Elettroniku ⁽¹⁴⁾ u dwar ir-Restrizzjoni ta' Sustanzi Perikolużi ⁽¹⁵⁾ fihom eżenzjoni għal skopijiet militari li tinkludi l-oġġettiv tal-istat ta' pronteżza tad-difiża.

L-*aquis* tal-Unjoni dwar is-sustanzi kimiċi kien strumentali fiż-żamma ta' livelli għoljin ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu tas-sustanzi fis-suq intern, filwaqt li jiġu kkunsidrati wkoll il-benefiċċji soċjoekonomiċi. Iż-żamma ta' livelli għoljin ta' sikurezza okkupazzjonali u kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin hija kruċjali wkoll biex is-settur tad-difiża jsir attraenti bħala għażla ta' impjieg, filwaqt li jiġi żgurat li l-oġġettivi tal-pronteżza tad-difiża jkunu jistgħu jintlaħqu b'mod effettiv.

⁽¹²⁾ Pereżempju, dawk fid-Direttiva dwar il-Habitats (id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa: ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7–50), id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma: ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1–73), id-Direttiva dwar l-Għasafar (id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (Verżjoni kkodifikata): ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7–25) u r-Regolament dwar Vjeġġi ta' Skart (Ir-Regolament (UE) 2024/1157 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar vjeġġi ta' skart, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1257/2013 u (UE) 2020/1056 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006: PE/84/2023/REV/1: ĠU L, 2024/1157, 30.4.2024).

⁽¹³⁾ Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (kodifikazzjoni): ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1–21.

⁽¹⁴⁾ Id-Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE): ĠU L 37, 13.2.2003, p. 24–39.

⁽¹⁵⁾ Id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku: ĠU L 37, 13.2.2003, p. 19–23.

Bħalissa, l-*acquis* tal-Unjoni dwar is-sustanzi kimiċi ma jipprevedix b'mod espliċitu valutazzjoni bikrija tal-impatt fuq l-industrija tad-difiża fil-proċessi tal-projbizzjoni jew ir-restrizzjoni tas-sustanzi kimiċi rigward ir-Regolament dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) ⁽¹⁶⁾. Il-Kummissjoni tinnotta li l-possibbiltà għal eżenzjoni fl-interess tad-difiża diġà hija pprovduta skont ir-Regolament REACH iżda li f'ċerti Stati Membri din l-eżenzjoni fl-interess tad-difiża ġiet applikata b'mod restrittiv. Barra minn hekk, din l-eċċezzjoni hija applikazzjoni u fuq bażi *ad hoc*, li ma tallinjax mal-oġettiv ta' pronteżza tad-difiża 2030 u mar-rekwiżiti biex il-produzzjoni tad-difiża tiżdied b'mod urġenti sal-2030. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tipproponi li twessa' l-kundizzjonijiet għall-użu tal-eżenzjoni nazzjonali skont ir-Regolament REACH u thegħgeġ lill-Istati Membri jużaw il-potenzjal sħiħ tagħha għall-ħtiġijiet tad-difiża, inklużi l-attivitajiet ta' pronteżza tad-difiża. Is-simplifikazzjoni li jmiss tal-Kummissjoni tar-REACH għandha l-għan li tinkorpora b'mod espliċitu l-oġettiv tal-pronteżza tad-difiża, filwaqt li tiżgura li t-tħassib dwar id-difiża, inklużi l-impatti indiretti fuq il-ktajjen tal-provvista tad-difiża, jiġu vvalutati b'mod komprensiv. Dan jippermetti li l-oġettiv tal-pronteżza tad-difiża, inklużi l-impatti indiretti fuq il-ktajjen tal-provvista tad-difiża, ikun jista' jiġi vvalutat kmieni u bis-sħiħ. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fl-*acquis* kollu tal-Unjoni dwar is-sustanzi kimiċi, qed tiġi proposta eżenzjoni simili fir-Regolamenti dwar il-Klassifikazzjoni, it-Tikkettar u l-Imballaġġ ⁽¹⁷⁾ u dwar il-Prodotti Bijoċidali⁽¹⁸⁾. Rigward ir-Regolament dwar il-Pollutanti Organiċi Persistenti ⁽¹⁹⁾, li jimplimenta l-Konvenzjoni ta' Stokkolma, il-Kummissjoni tipproponi li l-ħtiġijiet ta' pronteżza tad-difiża, jenħtieġ li jiġu indirizzat fl-istadji preparatorji tal-UE, qabel ma jkunu stabbiliti projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fil-livell internazzjonali fil-Konvenzjoni, għaliex huwa f'dak l-istadju li jistgħu jkunu kkunsidrati eżenzjonijiet potenzjali. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jużaw eżenzjonijiet mir-rekwiżiti ta' rapportar biex jipproteġu informazzjoni sensittiva bbażata fuq interessi tas-sigurtà nazzjonali jew tal-Unjoni.

Bħala parti mit-tisħiħ tal-kapaċità tal-produzzjoni industrijali tad-difiża tal-Unjoni biex ikunu jistgħu jakkwistaw il-kapaċitajiet kritiċi li bħalissa ma għandhomx, l-industrija tad-difiża u l-Forzi Armati jeħtieġ li jimportaw minn barra l-Unjoni tagħmir, komponenti u materja prima tad-difiża b'mod rapidu, aġli u kosteffettiv. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni thegħgeġ lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-possibbiltà li jissospendu d-dazji fuq l-importazzjoni fuq ċerti armi u tagħmir militari importati mill-awtoritajiet tad-difiża militari jew f'isimhom minn pajjiżi terzi ⁽²⁰⁾. Barra minn hekk, filwaqt li tkompli

⁽¹⁶⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni: ĠU L 396, 30.12.2006.

⁽¹⁷⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006: ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1–1355.

⁽¹⁸⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali: ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1–123.

⁽¹⁹⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (riformulazzjoni): PE/61/2019/REV/1: ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45–77.

⁽²⁰⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2278 tal-20 ta' Diċembru 2021 li jissospendi d-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni msemmija fl-Artikolu 56(2), punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 fuq ċerti

tippromwovi u tagħti spinta lill-kapaċità domestika sa fejn ikun possibbli, b'mod partikolari fuq il-materja prima, l-eżenzjoni mid-dazji applikabbli għal xi materja industrijali, materja prima, oġġetti nofshom lesti jew komponenti importati minn pajjiżi mhux tal-UE⁽²¹⁾ skont l-Iskema ta' Sospensjoni u Kwoti Tariffarji Awtonomi, tista' tintuża wkoll biex tittejjeb il-kompetittività tas-settur tad-difiża, u b'hekk tissaħħaħ il-prontezza tad-difiża tal-Unjoni.

Il-potenzjal ta' xi teknoloġiji għas-superjorità tad-difiża, bħal ngħidu aħna l-Intelliġenza Artifiċjali, huwa xprunatur importanti li jeħtieġ li jissaħħaħ b'mod urġenti fil-livell Ewropew. L-Att tal-Unjoni Ewropea dwar l-Intelliġenza Artifiċjali⁽²²⁾ jippromwovi l-iżvilupp ta' sistemi tal-Intelliġenza Artifiċjali skont approċċ ibbażat fuq ir-riskju, filwaqt li jintroduċi regoli proporzjonati għar-riskji. Ma jirregolax ir-riċerka ta' qabel l-introduzzjoni fis-suq fl-oqsma kollha, inkluż id-difiża, kif ukoll l-iżvilupp u l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali esklużivament għal skopijiet militari, ta' difiża jew ta' sigurtà nazzjonali. Il-Kummissjoni tfakkar li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja, li jistgħu jappoġġaw l-iżvilupp flessibbli u rapidu ta' sistemi tal-Intelliġenza Artifiċjali ta' riskju għoli rilevanti għall-iskop militari u tad-difiża, biex jippermettu żvilupp u ttestjar legalment sikuri.

L-iffaċilitar tal-investimenti pubbliċi u privati fis-settur tad-difiża

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 346 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), ir-regoli tal-kompetizzjoni japplikaw għad-difiża u jikkontribwixxu għal funzjonament aħjar tas-suq intern. Fl-istess ħin, jenħtieġ li dawn ma jkunux ta' impediment għal żieda urġenti fis-settur, il-kontribut tiegħu għall-oġġettiv ta' "prontezza tad-difiża 2030" u l-kapaċità tal-Istati Membri li jirrispondu b'mod effettiv għall-isfidi tal-ambjent ġeopolitiku li qed jiddeterjora. Il-Kummissjoni għandha tqis kif xieraq l-ispeċifità tal-industrija tad-difiża u tas-Suq Ewropew tat-Tagħmir għad-Difiża u l-kontribut tagħha għall-oġġettiv tal-prontezza tad-difiża fl-infurzar tal-kompetizzjoni tagħha (fużjonijiet, antitrust u kontroll tal-ġajnun mill-Istat).

Ir-reġim ta' kontroll tal-**fużjonijiet** tal-Unjoni Ewropea għandu l-għan li jżomm swieq li jiffunzjonaw tajjeb, inkluż fis-settur tad-difiża. Il-prontezza tad-difiża tal-industrija Ewropea tiddependi b'mod kritiku fuq swieq kompetittivi li jistgħu jwasslu għal teknoloġija u innovazzjoni mill-aktar avvanzati, kif ukoll kapaċità ta' produzzjoni adegwata u aġli, filwaqt li jiġi żgurat li l-konċentrazzjonijiet ma jwasslux għal livelli ta' saħħa fis-suq li x'aktarx iżidu l-kostijiet għall-baġits tal-Istati Membri. Fir-rieżami li għaddej bħalissa fuq il-Linji Gwida dwar il-fużjonijiet, il-Kummissjoni se tagħti piż adegwat lill-ambjent mibdul tas-sigurtà u d-difiża u qed tfittex kontribut mill-partijiet ikkonċernati biex tindirizza dawn l-aspetti b'mod effettiv. Il-Kummissjoni se tivvaluta b'mod partikolari l-benefiċċji ġenerali minn difiża u sigurtà msaħħa fl-Unjoni li jwasslu għal effiċjenzi.

prodotti agrikoli u industrijali, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1387/2013: ĠU L 466, 29.12.2021, p. 1, emendat.

(²¹) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni rigward is-sospensjonijiet u l-kwoti tariffarji awtonomi: ĠU C 363, 13.12.2011, p. 6.

(²²) Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali): PE/24/2024/REV/1: ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024.

Fir-rigward tal-**antitrust**, il-Kummissjoni tinsab lesta li tipprovdi lill-industrija Ewropea bi gwida dwar proġetti ta' kooperazzjoni ta' kumpaniji fis-settur tad-difiża, b'mod partikolari fejn tali kollaborazzjoni tkun meħtieġa biex tizzied il-produzzjoni jew fejn kumpaniji individwali altrimenti ma jkunux jistgħu jiżviluppaw jew jimmanifatturaw prodott waħedhom. Dan jista' jkun ukoll il-każ fl-akkwist konġunt ta' materja prima minn kumpaniji tad-difiża. Meta tivvaluta ftehimiet bħal dawn, il-Kummissjoni se tikkunsidra wkoll l-effiċjenzi ġġenerati, inkluż, pereżempju, l-effetti pożittivi ta' tali kooperazzjoni f'termini ta' prontezza tad-difiża, reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista tad-difiża u tas-suq intern.

Investiment pubbliku u privat sostanzjali huwa essenzjali għall-espansjoni tal-industrija biex jintlaħaq l-oġġettiv tal-UE ta' prontezza tad-difiża 2030. Bħala parti minn dan l-isforz, l-Istati Membri jistgħu jużaw l-oportunitajiet offruti mir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-finanzjament ta' koeżjoni biex jappoġġaw il-kapaċitajiet industrijali tad-difiża u l-mobbiltà militari ⁽²³⁾. Jistgħu jużaw ukoll riżorsi mill-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza għal injezzjonijiet ta' ekwità fil-Banek u l-Istituzzjonijiet Promozzjonali Nazzjonali (NPBIs, National Promotional Banks and Institutions), kif ukoll għall-kontribuzzjonijiet għall-programmi tal-UE għall-komunikazzjoni bis-satellita u għall-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIP) — kif enfasizzat fil-Komunikazzjoni “NextGenerationEU – Il-mixja lejn l-2026” ⁽²⁴⁾. Biex ikunu jistgħu jsiru kontribuzzjonijiet għall-EDIP, huwa meħtieġ li jiġu ffinalizzati malajr ħafna t-trilogi leġiżlattivi li għaddejjin u li tiddaħħal dispożizzjoni abilitanti. Dawn l-oportunitajiet addizzjonali biex il-fondi tal-UE jintużaw għad-difiża jkomplu jsaħħu l-volum tar-riżorsi disponibbli u għalhekk ir-raġunament għat-tneħħija ta' ostakli jew piżijiet amministrattivi bla bżonn għall-varar effettiv tal-investimenti fid-difiża.

F'dan il-kuntest, l-ewwel nett, il-miżuri tal-istat li jappoġġaw l-investimenti f'infrastrutturi ġenerali, bħat-twessigħ tal-mini ferrovjarji jew it-tisħiħ tal-pontijiet tat-toroq jew ferrovjarji biex jinħolqu kurituri tal-mobbiltà, ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat, peress li huma attivitajiet b'mandat pubbliku relatati mal-eżerċizzju tal-prerogattivi tal-Istat. L-istess jgħodd għall-funzjonijiet tal-forzi armati tal-Istati Membri, li ġeneralment jaqgħu wkoll taħt attivitajiet b'mandat pubbliku. L-Istati Membri ma għandhomx għalfejn jinnotifikaw dawn il-miżuri lill-Kummissjoni.

It-tieni, fil-kuntest attwali, hemm interess konvinċenti kemm tal-Unjoni kif ukoll nazzjonali fiż-żieda fil-produzzjoni tad-difiża u nuqqas osservat min-naħa tal-operaturi tas-suq li jirrispondu fil-ħin biżżejjed għal din il-ħtieġa minħabba għadd ta' fatturi oġġettivi (eż. swieq tal-akkwist frammentati, inċertezza tad-domanda maż-żmien, aċċess għall-finanzi). Għalhekk, il-każ speċifiku ta' miżuri ta' **għajnuna mill-istat** biex jappoġġaw l-investiment fil-kapaċità tal-produzzjoni għal prodotti u servizzi tad-difiża normalment jista' jitqies li jappoġġa interessi essenzjali tas-sigurtà mingħajr ma jaffettwa b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern u għalhekk jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 346 tat-TFUE. Fejn l-Artikolu 346 tat-TFUE japplika għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri ma għandhomx għalfejn jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'tali miżuri. Skont l-Artikolu 346 TFUE u l-ġurisprudenza relatata, in-

⁽²³⁾ Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/694, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697, (UE) 2021/1153, (UE) 2023/1525 u 2024/795 fir-rigward tal-inċentivar ta' investimenti relatati mad-difiża fil-baġit tal-UE biex jiġi implimentat il-Pjan ReArm Europe: COM/2025/188 final, 22.04.2025.

⁽²⁴⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, NextGenerationEU – Il-mixja lejn l-2026, 4.6.2025, COM(2025) 310 final.

neċessità u l-proporzjonalità tal-miżuri nazzjonali għall-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà jiġu eżaminati każ b'każ għal kull miżura bħal din, fid-dawl tal-kuntest u tal-effetti tagħha. Għalhekk, tali sejba rigward miżuri ta' għajjnuna mill-Istat hija mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-applikabbiltà tal-Artikolu 346 tat-TFUE għal miżuri nazzjonali li jaffettwaw regoli oħra tal-Unjoni, eż. fl-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża. Ir-regoli għall-promozzjoni ta' suq madwar l-Ewropa kollha għall-prodotti tad-difiża jtejbju l-kundizzjonijiet ekonomiċi għall-investment fil-produzzjoni tad-difiża, u b'hekk isaħħu s-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri individwali tagħha. Għalhekk, f'oqsma oħra għajr l-għajjnuna mill-Istat, it-talbiet kollha għad-deroga tal-Artikolu 346 tat-TFUE se jkomplu jiġu skrutinizzati mill-qrib.

It-tielet, meta l-appoġġ pubbliku jikkostitwixxi **għajjnuna mill-Istat** u ma jaqax taħt l-Artikolu 346 tat-TFUE, dan jista' jkun kopert mill-possibbiltajiet ta' kompatibbiltà offruti skont il-linji gwida eżistenti dwar l-għajjnuna mill-Istat, l-oqfsa jew ir-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija ⁽²⁵⁾. Tali għajjnuna, jew fil-forma ta' għajjnuna individwali jew ta' skemi ta' għajjnuna, tista' wkoll tiġi approvata direttament skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE. Skont din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra għajjnuna biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi, inklużi wkoll kontributi essenzjali għall-produzzjoni ta' prodotti u servizzi tad-difiża, bħala kompatibbli mar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat, dment li ma taffettwax b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa punt li jmur kontra l-interess komuni. Fl-ibbilanċjar ġenerali tal-effetti pożittivi kontra l-effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ, il-Kummissjoni se tqis kif xieraq il-kontribut tal-miżura għall-oġettiv ta' prontezza tad-difiża 2030, kif ukoll l-ispeċifikitajiet tas-suq tad-difiża, fejn id-domanda tiġi mill-Istati Membri, li jikkontrollaw l-akkwiżizzjoni ta' prodotti u teknoloġiji relatati mad-difiża, inklużi l-esportazzjonijiet. L-elementi li għandhom jitqiesu b'mod pożittiv fit-test tal-ibbilanċjar ġenerali jistgħu, pereżempju, jinkludu l-fatt li l-għajjnuna tingħata fil-kuntest tal-programmi tal-UE ⁽²⁶⁾, il-kontribut mill-investment għall-ħtiġijiet tar-reżiljenza tal-Unjoni, il-ħtieġa li l-Istati Membri jipproteġu l-interess essenzjali tas-sigurtà tagħhom; il-kooperazzjoni transfruntiera appoġġata mill-proġett, fejn applikabbli; l-effetti pożittivi fuq l-interoperabbiltà u s-sigurtà tal-provvista ta' prodotti relatati mad-difiża jew il-kontributi tagħhom fl-Unjoni kollha kemm hi ⁽²⁷⁾, it-tnaqqis tad-dipendenzi fuq pajjiżi terzi jew il-kontribut tal-proġett biex jiġu eliminati n-nuqqasijiet kritiċi fil-kapaċità tad-difiża, inkluż iżda mhux limitat għal dawk identifikati fil-White Paper u fis-SAFE ⁽²⁸⁾.

Il-Kummissjoni se tipprijoritizza t-trattament tal-każijiet bl-oġettiv ta' prontezza tad-difiża, kemm jekk notifikata bħala għajjnuna individwali kif ukoll bħala skemi ta' għajjnuna. Fil-valutazzjoni tagħha, se tiżgura li, sa fejn tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat notifikabbli, tali appoġġ ikun meħtieġ, proporzjonat u ma jwassalx għal kumpens żejjed. Il-Kummissjoni se tkun partikolarment attenta għal kwistjonijiet jew talbiet għal kjarifika mqajma fil-kuntest tal-preparazzjonijiet tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tas-

⁽²⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajjnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat.

⁽²⁶⁾ Bħall-programmi għall-industrija tad-difiża u l-fondi ta' koeżjoni tal-UE.

⁽²⁷⁾ Eż. meta l-prodotti jkunu jistgħu jaqdu l-ħtiġijiet ta' utenti multipli madwar l-Unjoni, iseħħu bħala sforzi strutturati biex tiġi żgurata provvista diversifikata.

⁽²⁸⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/1106 tas-27 ta' Mejju 2025 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) permezz tat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża ĠU L, 2025/1106, 28.5.2025.

SAFE, f'konformità mal-iskeda ta' żmien stabbilita f'dak l-istrument⁽²⁹⁾ iżda wkoll biex tivvaluta jekk iż-żieda fil-produzzjoni tad-difiża u/jew iż-żieda tal-industrija tad-difiża biex tilħaq il-prontezza tad-difiża sal-2030 tirriżultax f'ċerti restrizzjonijiet fis-setturi relatati mad-difiża li jirriżultaw fost fatturi oħra, b'mod partikolari minn aċċess limitat għall-finanzjament. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni se tipprovdi gwida xierqa u f'waqtha dwar il-valutazzjoni tal-appoġġ pubbliku għas-settur tad-difiża⁽³⁰⁾. Bil-ħsieb li tifhem jekk tali gwida hijiex meħtieġa u, jekk iva, il-kamp ta' applikazzjoni possibbli tagħha, il-Kummissjoni se tfitx b'mod proattiv kontributi, permezz ta' djalogu kontinwu u strutturat mal-Istati Membri (inklużi b'mod konġunt l-awtoritajiet rilevanti kollha, eż. dawk responsabbli għall-ġajjnuna mill-Istat, l-industrija u d-difiża) u partijiet ikkonċernati oħra.

It-tisħiħ tal-investment pubbliku fid-difiża huwa indispensabbli u urġenti, iżda mhux se jkun biżżejjed. Il-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tat-Tfaddil u l-Investimenti⁽³¹⁾, f'konformità mal-White Paper dwar il-Prontezza tad-Difiża 2030, enfasizzat l-importanza li jiġi mobilizzat il-finanzjament privat għall-industrija tad-difiża u nnutat li hija meħtieġa azzjoni deċiżiva u urġenti biex jiżdedu b'mod sinifikanti l-opportunitajiet ta' finanzjament għall-kumpaniji tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea. Il-kumpaniji Ewropej inklużi l-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju u dawk b'Kapitalizzazzjoni Medja⁽³²⁾ jeħtieġ li jkollhom aċċess aħjar u aktar flessibbli għall-kapital, inklużi strumenti ta' garanzija għat-tneħħija tar-riskji, biex iġibu s-soluzzjonijiet tagħhom fuq skala industrijali u biex jixprunaw iż-żieda industrijali li tirrikjedi l-Unjoni.

Skont il-Fond InvestEU⁽³³⁾, l-operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investment deżinjati bħala "*investimenti strateġiċi*", inklużi dawk fid-difiża, huma soġġetti għal limitazzjonijiet speċifiċi ta' eliġibbiltà, li jistgħu jfixxlu l-kapaċità li l-Fond InvestEU jintuża b'mod effettiv biex jappoġġa l-investimenti fil-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea. Il-Kummissjoni tipproponi li tadatta l-kriterji ta' eliġibbiltà għas-settur tad-difiża għall-ispeċifità tal-istrumenti finanzjarji (dejn, garanziji ta' dejn u finanzjament ta' ekwità) offriti skont il-fond InvestEU, filwaqt li żżomm dawk is-salvagwardji li huma meħtieġa. Dan se jsaħħa u jissimplifika l-aċċess għall-finanzjament u jippermetti appoġġ aħjar għat-tkabbir u l-iżvilupp tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea.

(29) L-Istati Membri li jixtiequ jirċievu assistenza finanzjarja skont l-istrument SAFE għandhom jesprimu l-interess tagħhom sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Lulju 2025. Ftit wara, huma jirċievu notifika mill-Kummissjoni dwar l-allokazzjonijiet tentattivi tal-ammonti tas-self disponibbli għal kull Stat Membru. Sal-aħħar ta' Novembru 2025, l-Istati Membri se jkollhom jippreżentaw talba għal assistenza finanzjarja, akkumpanjata mill-pjan ta' investment tagħhom għall-industrija tad-difiża Ewropea. L-iffirmar ta' ftehim ta' self mal-Kummissjoni se jippermetti lill-Istati Membri jirċievu finanzjament.

(30) Il-gwida dwar il-kompatibbiltà tal-ġajjnuna mill-Istat tista' tieħu forom differenti skont il-ħtiġijiet, minn *vade mecum* ta' preċedenzi rilevanti jew avvż interpretattiv għal linji gwida jew oqfsa awtovinkolanti tal-Kummissjoni.

(31) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti: Strateġija biex Jissaħħu l-Ġid taċ-Ċittadini u l-Kompetittività Ekonomika fl-UE: COM/2025/124 final.

(32) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1099 tal-21 ta' Mejju 2025 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, C/2025/3500: ĠU L, 2025/1099.

(33) Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017: PE/74/2020/REV/1: ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30–89.

Filwaqt li l-Qafas ta' Finanzi Sostenibbli tal-Unjoni ⁽³⁴⁾ ma jipprevjenix il-finanzjament tas-settur tad-difiża, kemm is-settur tal-finanzi kif ukoll dak tad-difiża jistgħu jibbenefikaw minn kjarifika addizzjonali dwar l-applikazzjoni tiegħu permezz ta' Avviż ta' Gwida. Biex tipprovdi ċertezza legali lill-investituri, il-Kummissjoni tiċċara li l-armi pprojbti mill-konvenzjonijiet internazzjonali dwar l-armi li għalihom huma parti l-maġġoranza tal-Istati Membri biss jenħtieġ li jiġu kkunsidrati fil-kuntest tal-esklużjonijiet tal-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika u Allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tiċċara li l-ħtiġijiet u l-ispeċifikitajiet tal-industrija tad-difiża jitqiesu bis-sħiħ fl-obbligi ta' rapportar sostenibbli, b' mod partikolari billi tiċċara li l-industrija tad-difiża hija aktar probabbli minn setturi oħra li tuża dispożizzjonijiet biex iżżomm informazzjoni sensittiva (pereżempju dwar il-volumi tal-provvista tal-materja prima jew ċerta informazzjoni finanzjarja relatata mas-sostenibbiltà). Jekk ikun meħtieġ, wara r-reviżjonijiet li għaddejjin tad-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà ⁽³⁵⁾, il-Kummissjoni se tagħmel aġġustamenti addizzjonali fir-rieżami li jmiss tal-Istandards Ewropej tar-Rappurtar dwar is-Sostenibbiltà ⁽³⁶⁾ fl-2025. Fl-aħħar nett, fir-rieżami tar-Regolament dwar id-Divulgazzjonijiet relatati mas-Sostenibbiltà Finanzjarja ⁽³⁷⁾, jekk ikun hemm bżonn, il-Kummissjoni se tipprovdi kjarifiki dwar ir-relazzjoni bejn l-investimenti fid-difiża u l-qafas ta' sostenibbiltà tal-UE biex jintlaħaq l-oġettiv tal-prontezza tad-difiża.

L-iżvilupp tal-ħiliet u l-iżgurar ta' oqfsa ta' impjeg adattati għall-prontezza tad-difiża

L-eliminazzjoni tan-nuqqasijiet fil-kapaċità u ż-żieda fil-produzzjoni tad-difiża jiddependu fuq id-disponibbiltà ta' ħiliet speċjalizzati u talenti innovattivi fl-industrija tad-difiża, inkluż atturi fil-katina tal-provvista minn Intrapriżi Żgħira u ta' Daqs Medju sa kuntratturi ewlenin. Għalkemm is-settur Ewropew tad-difiża għandu impjegati tas-sengħa u speċjalizzati, żieda fl-industrija tad-difiża fuq skala kbira se tirrikjedi li l-industrija tattira, tħarreġ, timpjega, ittejjeb il-ħiliet u tħarreġ mill-ġdid u żżomm aktar talenti, minn tekniċi sa inġiniera u esperti speċjalizzati. Iż-żieda fis-sehem ta' gradwati STEM hija prerekwiżit f'dan ir-rigward. L-Unjoni tal-Ħiliet ⁽³⁸⁾, inkluż il-Pjan Strateġiku għall-Edukazzjoni STEM sottostanti tagħha, se tiffaċilita t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol biex tappoġġa l-industrija tad-difiża, inkluż billi ssaħħaħ il-Patt għall-Ħiliet ⁽³⁹⁾ u billi tirrieżamina u timplimenta akkademji għall-ħiliet immirati u tappoġġa ċentri ta' eċċellenza vokazzjonali. Il-Kummissjoni se tappoġġa ċentri ta' eċċellenza vokazzjonali addizzjonali għall-industrija tad-difiża, kif ukoll il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u se

⁽³⁴⁾ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088, ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13.

⁽³⁵⁾ COM(2025)81 final

⁽³⁶⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2772 tal-31 ta' Lulju 2023 li jissupplimenta d-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tar-rappurtar dwar is-sostenibbiltà: C/2023/5303: ĠU L, 2023/2772, 22.12.2023.

⁽³⁷⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fis-settur tas-servizzi finanzjarji: PE/87/2019/REV/1: ĠU L 317, 9.12.2019, p. 1–16.

⁽³⁸⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet: COM/2025/90 final, 5.03.2025.

⁽³⁹⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Aġenda Ewropea għall-Ħiliet għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza: COM/2020/274 final, 1.07.2020.

tappoġġa l-edukazzjoni relatata mad-difiża, f'konformità mal-Istrateġija għall-Industrija tad-Difiża Ewropea ⁽⁴⁰⁾, b'mod partikolari permezz tal-opportunitajiet ipprovduti mill-programmi industrijali tad-difiża Ewropej u l-Erasmus+.

L-iżgurar ta' standards għoljin għas-saħħa, is-sikurezza u d-drittijiet tax-xogħol tal-forzi militari u tal-ħaddiema tal-industrija tad-difiża huwa kruċjali biex jintlaħaq bis-sħiħ l-oġettiv tal-prontezza tad-difiża tal-Ewropa u biex jiġi attirat u jinżamm persunal tas-sengħa. Il-persunal militari u l-ħaddiema tal-industrija jwettqu rwoli vitali meta l-gwerra tkun qed isseħħ fil-fruntieri tagħna iżda wkoll biex tinbena paċi Ewropea dejjiema. Id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol ⁽⁴¹⁾ hija pedament tal-*acquis* soċjali u tal-impjiegi tal-Unjoni, li tissalvagwardja s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema permezz ta' standards minimi għas-siġhat tax-xogħol u l-perjodi ta' mistrieħ. Fix-xenarju ġeopolitiku prevalenti, biex l-aġilità tad-difiża ssir realtà u biex tiġi xprunata ż-żieda industrijali sal-2030, trid tingħata attenzjoni bir-reqqa lill-oġettiv tal-prontezza tad-difiża meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva. Fir-rigward tal-produzzjoni industrijali u l-forniment ta' servizzi relatati fis-settur tad-difiża, il-Kummissjoni tiċċara li d-derogi previsti fid-Direttiva ⁽⁴²⁾ jistgħu jintużaw fejn ikun hemm żieda f'daqqa ta' attività, inkluż għall-prontezza tad-difiża, u tistieden lill-Istati Membri jipprovdu ċarezza legali u jiżguraw ċertezza legali fejn tidħol l-applikazzjoni tagħhom. Fir-rigward tal-Forzi Armati, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li d-Direttiva tista' ma tiġix applikata fir-rigward ta' ċerti attivitajiet speċifiċi, inkluż il-varar attiv. Filwaqt li tippreserva l-flessibbiltajiet eżistenti, il-Kummissjoni se timpenja ruħha mal-Istati Membri u mas-sħab soċjali dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva għall-persunal militari fil-Forzi Armati, inkluż dwar jekk huwiex opportun li d-Direttiva tiġi emendata biex jissaħħu l-eżenzjonijiet eżistenti.

Konklużjoni

Il-kunflitt armat reġa' lura lejn l-Ewropa u t-theddid ġeostrateġiku u ibridu qed jimmultiplika madwarna. F'dan id-deċennju se toħroġ ordni internazzjonali ġdida. Jekk ma rridux li sempliċiment naċċettaw il-konsegwenzi li dan se jkollu fuq l-Ewropa u d-dinja, jeħtiġilna nsawru din l-ordni ġdida. Issa wasal iż-żmien li tingħata spinta lill-prontezza tad-difiża tal-Ewropa, li ddgħajfet minn għexieren ta' snin ta' nuqqas ta' investiment fil-kapaċitajiet tad-difiża, nuqqasijiet importanti fil-kapaċità u burokrazija żejda li l-Istati Membri jeħtieġ li jindirizzaw b'mod urġenti.

Iż-żieda enormi fl-infiq Ewropew fid-difiża mħabbra mill-Pjan ReArm Europe/Prontezza 2030, akkumpanjata minn strument finanzjarju ddedikat biex jappoġġa l-investimenti fid-difiża tal-Istati Membri, tirrikjedi reviżjoni tal-leġislazzjoni eżistenti tal-UE biex tkun aktar flessibbli u tattira investimenti akbar fid-difiża. Aktar sempliċi, aktar rapida u aktar aġli. Filwaqt li jibni fuq l-eżitu ta' konsultazzjonijiet pubbliċi wiesgħa, kif ukoll fuq id-djalogi strateġiċi u ta' implimentazzjoni li saru mal-industrija u l-Istati Membri, dan l-Omnibus dwar il-Prontezza tad-Difiża jipproponi bidla fil-mentalità għall-prontezza u l-aġilità tad-difiża fil-qafas leġislattiv tal-Unjoni: jitneħħew l-ostakli regolatorji, jiġu ssimplifikati u armonizzati r-regoli u l-proċeduri li huma speċifiċi għas-settur tad-difiża kif ukoll fuq ir-regolamenti tal-Unjoni li għandhom impatt fuq l-industrija tad-difiża u li

⁽⁴⁰⁾ Komunikazzjoni Konġunta dwar Strateġija Ewropea ġdida għall-Industrija tad-Difiża: Il-kisba tal-prontezza tal-UE permezz ta' Industrija Ewropea tad-Difiża reattiva u reżiljenti: JOIN/2024/10 final, 5.03.2024.

⁽⁴¹⁾ Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol: ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9–19.

⁽⁴²⁾ Notevolment l-Artikoli 17 u 18 tad-Direttiva 2003/88/KE.

mhumieq speċifiċi għad-difiża. Dan jindirizza l-isfidi tal-industrija tad-difiża li jimpedixxu lill-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea milli twieġeb b'aġilità massima għall-ħtiġijiet akbar attwali mill-Unjoni, b'mod partikolari meta jiġu kkunsidrati ż-żieda fit-tensjonijiet globali u l-gwerra ta' aggressjoni fl-Ukrajna.

Il-passat ma jaħfex la eżitazzjoni u lanqas dewmien. Il-missjoni tagħna hija l-indipendenza Ewropea. Dan l-Omnibus Ewropew dwar il-Prontezza tad-Difiża huwa pass importanti lejn il-bini ta' Ewropa indipendenti li taqdi l-*Pax Europaea*, filwaqt li ssaħħa l-kapaċità tal-Ewropa li tissalvagwardja l-paċi u s-sigurtà, sabiex il-futur tagħna jista' jkun ħieles mill-koerċizzjoni u l-aggressjoni u l-ġenerazzjonijiet li jmiss ikunu jistgħu jgħixu l-ħolma Ewropea li l-fundaturi tagħna ġġieldu b'tant saħħa għaliha, fil-paċi u l-prosperità, filwaqt li tevita l-gwerra u d-diżgrazzi kbar tal-bniedem u d-danni ambjentali li jirriżultaw minnha.